MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 378/2003

**Dingli Co. International Limited bhala mandattrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**
**vs**

**John Formosa**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fis-17 ta' Frar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' hamsa u disghin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm95.45), kwantu ghal tlieta u tmenin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm83.00) Royalty dovuta bil-quddiem ghal perjodu 6 ta' Mejju, 2002 sal-5 ta' Mejju, 2003, in konnessjoni mal-licenzja Nru. 8971 (Dok "A") rilaxxata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut, b'liema licenzja l-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lill-pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "Frangul Hall", Paola, u tnax-il lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm12.45) Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

**Is-socjeta’ attrici qieghda titlob ukoll il-hlas ta’ l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta’ l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta’ l-Avviz, komprizi dawk ta’ l-ittra legali tal-31 ta’ Lulju, 2002, kif ukoll l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Jannar, 2003, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa’ ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Josette Attard ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont imsemmi ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokument esibit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Art.13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lil-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ hamsa u disghin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm95.45) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta’ Mejju, 2002, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, komprizi dawk ta’ l-ittra legali tal-31 ta’ Lulju, 2002, kif ukoll l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Jannar, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------